



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

10.11.2010

0082/2010

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar INDECT (sistema ta' informazzjoni intelliġenti li tappoġġja l-
osservazzjoni, it-tiftix u s-skoperta tas-sigurtà taċ-ċittadini f'ambjent urban)

**Alexander Alvaro, Carlos Coelho, Stavros Lambrinidis, Judith Sargentini,
Rui Tavares**

Data ta' skadenza: 17.2.2011

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar INDECT (sistema ta' informazzjoni intelliġenti li tappoġġja l-osservazzjoni, it-tiftix u s-skoperta tas-sigurtà taċ-ċittadini fl-ambjent urban)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi INDECT huwa proġett ta' riċerka li għandu l-għan li jiżviluppa sistema awtomatika ta' osservazzjoni li l-ħin kollu timmonitorja s-siti elettroniċi, kameras ta' sorveljanza u sistemi individwali ta' kompjuters biex tiġi żviluppata faċilità tat-tiftix ġdida li tikkombina t-tiftix dirett ta' immagiġni u ta' kontenut ibbażat fuq il-vidjows,
- B. billi l-Bord tal-Etika tal-INDECT, responsabbli mis-soluzzjonijiet għal problemi etiċi li jistgħu jinqalgħu, iddeċċieda li l-informazzjoni li jista' jkollha impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-proġett tar-riċerka għandha tinżamm kunfidenzjali,
- C. billi l-INDECT hija ffinanzjata mis-Seba' Programm ta' Qafas, u għandha tirċievi EUR 10.91 bejn l-2009 u l-2013,
- D. billi l-Parlament u l-Kunsill jistabbilixxu l-baġit annwali tal-Unjoni kif ukoll il-miżuri neċċesarji għall-implimentazzjoni taż-żona tar-riċerka fl-Ewropa,
- E. billi l-Kummissjoni hija obbligata li tirrapporta regolarmen ir-riżultati tal-monitoraġġ tas-Seba' Programm ta' Qafas u l-programmi speċifiċi tiegħu lill-Parlament,
 1. Jenfasizza l-impenn tiegħu li jissalvagwardja l-libertajiet ċivili taċ-ċittadini Ewropej;
 2. Jesprimi punti ta' tħassib dwar tibdiliet mhux mistennija fl-ambitu tal-proġett, il-possibilità ta' impatt fuq id-drittijiet fundamentali u l-periklu li t-teknoloġiji riċerkati jew l-informazzjoni miġbura jintużaw minn atturi pubbliċi jew partijiet terzi;
 3. Iħeġġeġ b'saħħa lill-Kummissjoni biex mill-aktar fis tpoġġi d-dokumenti kollha relatati ma' INDECT għad-dispożizzjoni u biex tistabbilixxi mandat ġar u strett għall-mira tar-riċerka, l-applikazzjoni u l-utenti aħħarin tal-INDECT;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jibgħat din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.